MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 07 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 815/1997/1

Denis Tanti
vs
Prof. Roger Ellul Micallef, fil-kapacita` tieghu kemm ta' Rettur ta' l-Universita` ta' Malta u kif ukoll ta' President tas-Senat ta' l-istess Universita`

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' nofs Lulju 1992, huwa sofra ingustizzja f'li ma giex ikklassifikat bhala li jikkwalifika ghall-ghoti tal-grad ta' *Bachelor of Science (B.Sc) in Nursing Studies bl-Honours* mill-Universita` ta' Malta, biex b'hekk inghata l-Grad ta' *B.Sc (Nursing Studies)* minflok dak ta' *B.SC (Nursing Studies Hons.)* kif kien jixraqlu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. Bejn l-1 ta' Jannar 1989 u t-3 ta' Lulju 1992, ir-rikorrent kien wiehed minn 24 kandidat li segwew kors ta' studju organizzat mill-Universita` ta' Malta, li jwassal ghall-Grad ta' *B.Sc. (Nursing Studies Hons.).*

2. Matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda regolamenti ufficjali biex jirregolaw dan il-kors, u ghalhekk il-kandidati ma setghux ikunu jafu x'kienu l-kriterji biex wiehed ikun meqjus bhala li jikkwalifika ghall-ghoti tal-Grad bl-*Honours.*

3. Ir-rikorrent kien dejjem ghadda mill-ewwel darba mit-testijiet u l-ezamijiet tal-kors, bl-eccezzjoni ta' parti wahda mis-seba' partijiet li kienu jiffurmaw l-Ezami Komprensiv Finali, li kienet precizament dik tal-Prattika Klinika Avanzata.

4. B'kollox kien hemm tmien kandidati li ma ghaddewx ma l-ewwel darba minn xi parti jew ohra ta' l-Ezami Komprensiv Finali. Minn dawn seba', fosthom ir-rikorrent, ma ghaddewx mill-Prattika Klinika Avanzata u wiehed ma ghaddiex mill-Progett Specjali fil-forma ta' dissertazzjoni.

5. In-numru gholi ta' kandidati li ma ghaddewx mill-Prattika Klinika Avanzata kien principalment dovut ghal tliet fatturi.

a) Il-kandidati ma kienux gew ippreparati kif jixraq ghal dan l-ezami partikolari.

b) Il-kandidati ma kienux gew imfehma sew minn qabel x'kien mistenni minnhom waqt l-ezami.

c) Biex kandidat ikun meqjus li ghadda ma kienx bizzejjed li jgib *an overall passmark,* izda kien jehtieglu li jgib ukoll *pass mark* f'kull wiehed minn 13-il *item* differenti minn total ta' mill-inqas 47 *item*. B'hekk hadd mill-kandidati li ghaddew ma gab inqas minn grad C, meta f'kull ezami iehor grad D kien bizzejjed biex kandidat ikun meqjus li ghadda. Kopja tal-*Practical Assessment Form,* li tispjega l-kundizzjonijiet ta' l-ezami tal-Prattika Klinika

Avanzata, giet prezentata f'disa faccati u mmarkata bhala Dok 1.

6. L-ispjegazzjoni li nghatat lir-rikorrent ghan-nuqqas tieghu li jghaddi mill-Prattika Klinika Avanzata, minn wahda mill-ezaminaturi, is-Sinjorina Mary Gobbi, kienet dik li huwa kellu infermier li kien diga kwalifikat u mhux student infermier, biex jassistih waqt l-ezami. Dan certament li ma kienx gust, peress li fil-jum ta' qabel l-ezami l-Ko-ordinatrici tal-Kors, is-Sinjorina Barbara Burkey, kienet gharrfet lir-rikorrent li huwa seta' jkun assistit minn infermier kwalifikat waqt l-ezami, peress li l-istudent infermier li suppost kellu jassistieh kien fuq *sick leave.*

7. Ir-rikorrent ghadda mill-Prattika Klinika Avanzata meta rrepeta dan l-ezami t-tieni darba.

8. Minn total ta' 46 taqsima differenti ta' studju fil-kors, ir-rikorrent lahaq livell eccellenti fi tmien taqsimiet; mar tajjeb hafna f'sittax-il taqsima; kellu grad sodisfacenti f'wiehed u ghoxrin taqsima; ghadda bl-inqas grad (grad D) f'taqsima wahda biss; u ma wehel mill-ebda taqsima. Kopja tat-*Transcript of Academic Records* tar-rikorrent, mahruga mir-Registratur ta' l-Universita` giet prezentata fi tliet faccati u mmarkata bhala Dok 2.

9. Ghall-habta ta' nofs Lulju 1995, jigifieri madwar gimghatejn wara li r-rikorrent temm l-ezamijiet kollha tal-kors tieghu b'success, huwa kien gie mgharraf personalment mis-Sinjorina Barbara Burkey li ma kienx ser jinghata l-Grad tieghu bl-*Honours.* Bhala fattur kontributorju ghal din l-eskluzjoni, is-Sinjorina Burkey semmiet il-fatt li r-rikorrent kellu jirrepeti l-Prattika Klinika Avvanzata. Izda fl-istess hin is-Sinjorina Burkey qalet lir-rikorrent li tlieta mis-sitt kandidati l-ohra, li bhalu ma kienux ghaddew minn dan l-ezami partikolari mill-ewwel darba, kienu ser jigu kkunsidrat daqs kieku kienu ghaddew mill-ewwel darba, biex b'hekk huma setghu jinghataw il-Grad taghhom bl-Honours.

10. Fl-istess okkazzjoni, is-Sinjorina Burkey gharrfet lir-rikorrent li hadd mill-kandidati ma kien ser jinghata *Third Class Honours*, minhabba li fil-fehma taghha haga bhal din kienet twassal biex jaqa' l-livell tal-kors.

11. B'rejazzjoni ghat-taghrif moghti lilu mis-Sinjorina Burkey, ir-rikorrent kiteb ittra datata t-22 ta' Lulju 1992, lis-Sur Lorenzo Ellul, li dak iz-zmien kien jinstab jokkupa l-kariga ta' Registratur ta' l-Universita` fejn talbu biex jinvestiga l-materja, filwaqt li jassigura li ssir gustizzja meta r-rizultat finali tal-kors ikun eventwalment ippubblikat mill-Universita`. Kopja ta' din l-ittra f'zewg faccati giet prezentata u mmarkata Dok 3.

12. Sussegwentement, meta r-rizultat imsemmi gie esebit mill-Universita` instab li, kif kienet habbret is-Sinjorina Burkey, ir-rikorrent ma kienx gie kklassifikat bhala li jikkwalifika ghal Grad bl-*Honours.* Bhal ma kienet qalet hija wkoll, tlieta mill-kandidati li bhar-rikorrent ma kienux ghaddew ma' l-ewwel darba mill-ezami tal-Prattika Klinika Avanzata, kienu gew ikklassifikati bhala li jikkwalifikaw ghall-Grad ta' *Second Class (Lower Division) Honours*. Barra minn hekk, il-kandidat l-iehor li ma kienx ghadda mill-Progett Specjali, gie wkoll ikklassifikat bhala li jikkwalifika ghall-istess Grad ta' *Second Class (Lower Division) Honours*.

13. F'dan ir-rizultat, ma kienx inkluz wiehed mill-kandidati, cioe` s-Sur Mario Galea, li dak iz-zmien kien Membru Parlamentari f'isem il-Partit Nazzjonalista li kien fil-Gvern. Ghalkemm is-Sur Galea ma kien ressaq ebda talba quddiem is-Senat biex jinghata xi forma ta' koncessjoni, privilegg jew dispensa, huwa xorta wahda kien:

a) Thalla joqghod ghall-Ezami Komprensiv Finali minghajr ma kien kiseb l-ebda kredtu minn dawk moghtija fl-ahhar sena tal-kors.

b) Kellu l-parti tal-Prattika Klinika Avanzata posposta b'hames xhur.

c) Ma pprezentax il-Progett Specjali fiz-zmien stipulat.

d) Ma attendiex ghal taqsimiet ta’ studju li kienu jiffurmaw parti integrali mill-Kors.

14. Minkejja li isem is-Sur Mario Galea ma kienx inkluz fir-rizultat finali tal-kors, l-ex Ministru Nazzjonalista Louis Galea, li kien il-Ministru ta’ l-Intern u Zvilupp Socjali, kien diga` qieghed jikkunsidra lis-Sur Galea bhala gradwat. Meta f’Awissu 1992 kien qieghed jitkellem fuq l-istazzjon ‘Radio One Live’, l-ex Ministru kien iddikjara li s-Sur Galea kellu *Degree fin-Nursing.* Imbaghad, ix-xahar ta’ wara, l-ex Ministru qal li s-Sur Galea kien mistenni jiggradwa fil-*B.Sc Nursing Studies (Hons),* waqt li kien qed jindirizza l-Laqgha tal-*Commonwealth tac-Chief Nursing Officers and Professional Associations* li saret bejn is-7 u l-11 ta’ Settembru 1992, fil-Lukanda Dolmen, il-Qawra. Dan kien gie ammess mill-Ministru nniffsu, permezz ta’ Stqarrija ghall-Istampa u x-Xandir li ggib id-data ta’ l-20 ta’ Novembru 1992, li kopja taghha giet prezentata f’faccata wahda u mmarkata Dok 4.

15. Ir-regolamenti tal-kors li jwassal ghall-grad ta’ B.Sc (*Nursing Studies Hons)* kienu gew ippubblikati permezz ta’ Avviz Legali 104 ta’ l-1992, bid-data tat-3 ta’ Novembru 1992. Kopja tal-verzjoni bil-Malti ta’ dawn ir-regolamenti giet prezentata f’sitt faccati u mmarkata bhala Dok 5. Klawsola 12 (3) tar-regolamenti msemmija tghid li: “Kandidat ma jkunx jista’ jikseb il-Grad bl-*Honours* jekk ma jikkwalifikax ghalih fl-Ezami Finali Komprensiv ma’ l-ewwel darba….hlief f’cirkostanzi specjali u bil-permess tas-Senat.”

16. Fuq il-parir tas-Sur Ellul, ir-rikorrent kien ghamel talba lill-Universita` datata l-10 ta’ Novembru 1992, biex issir revizjoni tal-klassifikazzjoni tal-Grad tieghu. B’danakollu t-twegiba kienet wahda negattiva u din inghatat lir-rikorrent mis-Sur Ellul innifsu, permezz ta’ ittra datata l-4 ta’ Dicembru 1992. Kopja ta’ din l-ittra giet prezentata f’faccata wahda u mmarkata bhala Dok 6.

17. Fit-18 ta’ Novembru 1992, jigifieri jumejn biss qabel ma kellha ssir il-gradwazzjoni, l-Universita` esebit ghall-ewwel darba isem is-Sur Mario Galea f’rizultat li gie ppubblikat minnha, fejn huwa wkoll gie kklassifikat bhala li jikkwalifika ghall-grad ta’ *Second Class (Lower Division) Honours.* Dan minkejja li s-Sur Galea ma kienx segwa l-kors fl-entita` tieghu u skond ma kienu jipprovdu r-regolamenti. Skond ma kien gie kkwotat li qal is-Sur Galea mill-mezzi tax-xandir fl-20 u l-21 ta’ Novembru 1992, huwa kien talab posponimenti fil-kors. Barra minn hekk, f’rapport li deher f’pagna 9 tal-harga tal-gurnal “l-Orizzont” tal-21 ta’ Novembru 1992, is-Sur Galea gie specifikament ikkwotat li qal li “….huwa talab lill-Universita` tikkoncedilu estensjoni ghad-dissertazzjoni… din it-talba ntlaqghet u huwa mexa skond ir-regolamenti imposti mill-Universita`.” Kopja ta’ dan ir-rapport gie prezentat f’faccat wahda u mmarkat bhala Dok 7. B’danakollu jirrizulta li fil-fatt ma kienet tressqet l-ebda talba lis-Senat ta’ l-Universita` ghan-nom tas-Sur Galea, biex huwa jinghata xi posponimenti. Dan minkejja li talba bhal din hija mehtiega biex ikunu moghtija jew michuda koncessjonijiet, privileggi jew dispensi lil kandidati f’korsijiet, wara diskussjoni u jekk ikun hemm bzonn, vot ukoll mis-Senat biss.

18. Fl-20 ta’ Novembru 1992, kienet saret il-gradwazzjoni mill-Universita` li fiha kienu nghataw il-Gradi skond ir-rizultati msemmija, li kienu gew ippubblikati mill-istess Universita` u esebiti kif diga` gie spjegat aktar ‘il fuq.

19. Ir-rikorrent baghat petizzjoni datata t-18 ta’ Novembru 1996 lill-Profs. Roger Ellul Micallef, fil-kapacita` tieghu ta’ President tas-Senat ta’ l-Universita` li permezz taghha talab lis-Senat biex jirrevedi l-klassifikazzjoni tieghu ghall-Grad ta’ *B.Sc in Nursing Studies,* filwaqt li ssottometta r-ragunijiet li ghalihom hass li l-Grad tieghu ghandu jkun mgholli ghal wiehed bl-*Honours.* Kopja ta’ din l-ittra giet prezentata f’zewg faccati u mmarkata bhala Dok. 8.

20. Billi r-rikorrent ma kellu l-ebda twegiba ghall-ittra tieghu, huwa rega’ kiteb lill-President tas-Senat permezz ta’ ittra datata l-25 ta’ April 1997, fejn talbu jghidu x’kien sar sa dakinhar fir-rigward tal-petizzjoni tieghu lis-Senat. Kopja ta’ din l-ittra giet prezentata f’faccata wahda u mmarkata bhala Dok 9.

21. Il-President tas-Senat wiegeb lir-rikorrent permezz ta’ ittra datata d-29 ta’ April 1997, fejn ipprommettilu li kien ser iressaq il-petizzjoni tieghu quddiem is-Senat, immedjatament hekk kif jasallu t-taghrif li ried minghand it-Tabib Gauden Galea, Direttur Ezekuttiv ta’ l-Istitut ghall-Harsien tas-Sahha. Kopja ta’ din l-ittra giet prezentata f’faccata wahda u mmarkata bhala Dok 10.

22. Peress ir-rikorrent baqa’ ma giex mgharraf jekk fil-fatt kenitx ittiehdet azzjoni dwar il-petizzjoni tieghu, huwa kien rega’ kiteb lill-President tas-Senat permezz ta’ ittra datata l-10 ta’ Ottubru 1997, fejn ghal darb’ohra kien talbu jghidlu jekk kenitx saret xi haga dwar il-petizzjoni tieghu. Kopja ta’ din l-ittra giet prezentata f’zewg faccati u mmarkata bhala Dok 11.

23. Sallum ir-rikorrent baqa’ ma rcieva ebda twegiba ghall-ittra tieghu u dan minkejja li fit-3 ta’ Novembru 1997, huwa kellem lis-Segretarja tal-Profs. Ellul Micallef fejn gharrafha b’din il-mankanza.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi huwa jkollu l-grad tieghu ta’ *B.Sc (Nursing Studies)* mgholli ghal wiehed bl-Honours.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Professur Roger Ellul Micallef bhala Rettur u in rappresentanza ta’ l-Universita` ta’ Malta kif ukoll bhala President tas-Senat ta’ l-istess Universita` li eccepixxa:

Illi l-intimat oppona ruhu ghat-talba ta’ Denis Tanti kif kontenuta fir-rikors tieghu fuq imsemmi u dan billi ma gietx mill-Universita` kommessa mieghu l-ebda ingustizzja jew diskriminazzjoni.

Illi dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni dwar l-ghoti ta’ gradi mill-Universita`.

Illi r-rikorrent ma nghatax il-Grad ta’ B.Sc (Nursing Studies Hons.) peress illi huwa ma lahaqx il-livell li l-istess degree jirrikjedi u ghall-ebda raguni ohra. Dan anke wara li thalla jerga’ jaghti l-ezami fil-Prattika Klinika Avvanzata hekk kif huwa stabbilit fil-L.N. 104 ta’ 1992 (Regolamenti ta’ l-1992 ghall-Kors li jwassal ghall-Grad ta’ Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours).
Ghaldaqstant, l-intimat issottometta li t-talba tar-rikorrent mhix gustifikata u ghandha tigi michuda.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi l-konvenut eccepixxa preliminarjament in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tat-Tribunal dwar l-ghoti ta’ Grad mill-Universta`. Preliminarjament gie eccepit ukoll mill-intimat li l-kaz diga` gie ezaminat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji.

Dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal, it-Tribunal dahal fil-fond fuq dan l-aspett fil-kawza Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta' Mejju, 1999:

Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid…

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad:

"u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…"

Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. L-anqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…
Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998.

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess principjpju gie applikat fil-kaz deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air

Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Wara li t-Tribunal ezamina r-rikors tar-rikorrent u r-risposti tal-intimati kif ukoll il-principji stabbiliti fil-kawza fuq citata Barbara vs Medserv Limited jidher car li t-talba tar-rikorrent biex jigi ordnat illi jkollu l-grad tieghu ta' B.Sc. (Nursing Studies) mgholli ghal wiehed bl-Honours tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal minhabba li din la hija hatra, la promozzjoni u anqas trasferiment, la dhul fl-impjieg u anqas tirrigwarda licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi. Il-gurisdizzjoni tat-Tribunal hija fondamentali ghall-prosegwiment ta' kawza quddiem it-Tribunal u jekk il-mertu taghha jezorbita mill-kompetenza tal-istess Tribunal l-istess Tribunal huwa prekluz milli jiehu konjizzjoni taghha. Sfortunatament ghar-rikorrent jekk saret ingustizzja mieghu f' dak li talab dan mhux wiehed mill-aspetti kopert mill-Kapitolu 394. Ghal dawn il-motivi jiddikjara ruhu inkompetenti ratione materiae.

Minhabba dak imsemmi fuq ma hux il-kaz li t-Tribunal jezamina l-eccezzjoni l-ohra preliminari tal-fatt li l-ilment gja gie ezaminat mill-Kummissjoni.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.